# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mallia)**

**(Spettur Ritienne Gauci)**

**Vs**

**David Zammit**

Illum,30 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **David Zammit**, 42 sena, iben Joseph u Josephine nee' Borg mwieled Pieta' fl-14/11/1981 u residenti gewwa 3, Triq San Lawrenz, B' Kara, detentur tal-karta tal-identita' numru 624081 M akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar 2024 ghal habta ta' bejn 10:15hrs u 10:25hrs gewwa Triq il-Wied, Iklin

1) Bl-ingieba tieghek ikkagunajt lil CO870, ufficjal tal-LESA, biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu.
2) Aktar talli inqast li tobdi l-ordinijiet legittimi moghtiha lilek minn CO870 u FO774, ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallejthomx jaqdu, jew fixilthom jew indalt lil imsemmi ufficjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

3) Aktar talli soqt il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219 b' manjiera perikoluza.
4) Aktar talli soqt il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219 minghajr ma kellek licenzja ta' sewqan.
5) Aktar talli soqt il-vettura ta' ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219 minghajr ma kont kopert b' polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni.
6) Aktar bhala sid tal-vettura ta' ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219 inqast li tara li jkollha dejjem u f' kull zmien il-licenza ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Transport f' Malta.
7) Aktar talli soqt jew ippermettejt li tithalla vettura ta' ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuza, minghajr licenzja ta' cirkolazzjoni mahruga mill-Awtorita' ghat-Transport f' Malta.
8) Aktar talli waqt li kont qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219, inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn ufficjal tal-komunita' biex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fi twettieq ta' dmirijiethom.
9) U aktar talli ngurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' CO870, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' CO870 skond l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tiskwalifika lil-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skont l-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2024 d-difiza titlob li stante li l-akkuzi jirrigwardaw akkuzi li solitament jinstemghu mill-Qorti li tippresejedi s-seduta tat-

traffiku u mhux tad-distrett, jitlob li din il-kawza tigi assenjata lil Qorti li tippresjedi s-seduta tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni tirrimetti ruhha, il-Qorti laqghet it-talba u tirrinvija l-atti lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex il-kawza tigi assenjata skont il-ligi.
Il-Qorti permezz ta' digriet datat 17 ta' Settembru 2024 rat il-kommunikazzjoni li saret mill-Ammistrazzjoni tal-Qorti u appuntat l-kaz ghat-tnax ta' Novembru 2024.

Rat l-affidavit ta' PS 1128 Glenn Sammut pprezentat mat-tahrika tal-kawza; ta' FO 774 John Naudi, CO 870 Joseph Gauci fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024; rat l-affidavit ta' Transport Dok. A,  rat ir-riferta ezebita mill-prosekuzzjoni Dok A, rapport Dok B, stqarrija Dok C ezebiti fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024.

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-12 ta' Novembru 2024 u li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-artikoli 251B(1), 338 (ee) tal-Kap.9; Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65; Art. 3(1) tal-Kap. 104; Reg. 14(3) L.S. 368.02, Reg. 13(2) L.S. 368.02; Reg. 124(1) L.S. 65.11; Art 95 tal-Kap.9; l-art 383, l-art. 412C tal-Kap. 9 u Art. 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat id-dokumenti, x-xhieda u l-atti kollha.

<u>Provi prodotti mill-prosekuzzjoni.</u>
**Affidavit ta' PS 1128 Glenn Sammut** ipprezentat mat-tahrika tal-kawza. Jiddikjara bil-gurament li fil-21 ta' Frar 2024 ghal habta ta' 10:35hrs irrappurtaw gewwa l-Ghassa ta' Birkirkara l-local wardens Joseph Cutajar - CO 870 u John Naudi – FO 774 rigward persuna li kien qieghed jaghmel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni "GBM 219" tal-ghamla Ford Fiesta Bajda.
CO 870 stqarr illi ghal habta ta' 10:15hrs ircieva bzonn ta' assistenza fuq ir-radju tax-xoghol sabiex jekk tigi nnutata vettura bin-numru "GBM 219" tigi imwaqqfa ghax prova jigi mwaqqaf minn FO 774 gewwa l-Imsida izda min kien qieghed qed

jaghmel uzu min l-imsemmija vettura hares lejn l-ufficjal ta' LESA u baqa' sejjer. Ghal habta ta' 10 minuti wara cioe 10:25 hrs CO 870 innota din l-istess vettura gewwa Triq il-Wied Iklin u meta l-ufficjal indikatlu biex jieqaf mal-gemb, sakemm l-ufficjal saq biex jitfa' l-mutur quddiemu, dan qala b' velocita' eccessiva u kwazi tghajru. Kien gie innutat li kien persuna maskili samrani. Meta l-ufficjal ipprova jsuq ghal warajh, il-vettua imsemmija saq direzzjoni l-fuq fit-telgha, ghal Triq F. Borg Iklin u rahx aktar.

FO 774 stqarr li dan prova iwaqfu l-Imsida waqt li kien fized point minhabba li l-vettura ma kelliex licenzja imwahla mal-windscreen izda dan baqa' sejjer.

Gie mitkellem sid il-vettura certu David Zammit fejn inghata s-solita twissija u dritt ta' l-avukat fejn kellem lil Dr David Bonello fejn stqarr li kien biegh l-imsemmija vettura xi sena u nofs ilu gewwa Haz-Zabbar lil certu wiehed gharbi jismu Hassan izda ma ghandu l-ebda' dettalji tieghu.

Gew infurmati ir-radio's tal-pulizija u kif ukoll tal-LESA biex jekk jaraw l-imsemmija vettura jippruvaw jwaqqfuha. In-numru tal-vettura ttellghet fil-lista tal-wanted tal-NPS.

CO 870 u FO 774 gew mitkellma minn PS 1128 fejn huma gew murija ritratt tas-sid il-vettura fejn huma verifikaw li huwa kien il-persuna li kienu raw isuq il-vettura dak in-nhar tal-incident.

Gie stabilit li skont is-sistema fil-kamra tal-kontroll tal-pulizija li David Zammit ma ghandux licenzja valida u din kienet skadiet f' Ottubru 2023.

**FO John Naudi** xehed fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2024. Jahdem mal-LESA. Fil-21 ta' Frar 2024 ghal xi 10:15am bejn Triq il-Bacir u Marina Street l-Imsida innota vettura GBM 219, tal-ghamla Fiesta bil-kulur abjad.Meta ipprowa jwaqqaf il-vettura l-imputat li qed jigi indikat minnu fl-awla, baqa' sejjer.

Ried iwaqqfu ghax ma kellux licenzja mwahhla mal-windscreen u x' hin ivverifika fuq il-vettura rrizulta li l-vettura la fiha licenzja u l-anqas insurance. Ghamel kuntatt mal-kollegi biex min jara din il-vettura iwaqqafha.

Hu ma rax l-incident, minn naha tieghu ipprova jwaqqfu. M' obdiex l-ordni u baqa' sejjer.

Gharaf lil imputat ghaliex ghadda ezatt minn mieghu fi Triq il-Bacir.

**CO Joseph Cutajar**, community officer LESA,  xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2024.  Fil-21 ta`Frar 2024 għall-ħabta tal-għaxra u kwart ta' filgħodu kollega tiegħu, FO 774, avza fuq ir-radio biex jekk jara vettura GBM 219 Ford Fiesta bajda iwaqqafha għax kien bla insurance u bla liċenzja. Għall-ħabta tal-għaxra u nofs neqsin hamsa ix-xhud lemah din il-vettura  fi Triq il-Wied l-Iklin. Ghamel sinjal lil imputat, li qed jindikah fl-awla,  biex jitfa' mal-ġenb.  Jixhed:-

> "Tefgha mal-genb intfajt ma' ġenb bil-mutur. Jiena jien u nieżel minn fuq il-mutur dan is-sinjur qalla velocita ta' eccessiva saq direzzjoni lejja li kważi tajjarni. U baqa' sejjer direzzjoni F. Borg l-Iklin imbagħad ma rajtux iktar jiena dak il-ħin bejn inħsadt rajt il-vettura għaddejja minn mieghi U bejn ħadt il-qatgħa ma mortx warajħ. "

Sussegwentement mar l-Ghassa biex jaghmel ir-rapport. Meta ccekja fuq il-vettura mis-sistema irrizulta li kien bla insurance u bla liċenzja.

Wara li gara dan l-incident ghamel kumunikazzjoni bir-radju ma FO 774 u marru flimkien jaghmlu r-rapport.  Ma hadlux n-numru tal-karta tal-identita' tas-sewwieq ghaliex qabad u telaq.

**Affidavit ta' Stephen Cachia**, impjegat fid-Direttorat ghat-Trasport fuq l-Art fi hdan l-Awtorita' ghat-Transport, f' Malta ipprezentat fis-seduta tal-12 ta' Novembru 2024. Jiddikjara bil-gurament li minn indagni li ghamel fir-rekords ta' l-Awtorita' irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219, tal-marka Ford Fiesta fil-21 ta' Frar 2024 kienet registratata fuq David Zammit bin-numru tal-karta tal-identita;  I.D. 624081 M. Din il-vettura hija hekk registrata mit-8 ta' Awwissu 2011 filwaqt illi l-licenzja tal-imsemmija vettura skadiet fil-31 ta' Lulju 2020.

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti tirrileva li l-imputat gie identifikat mill-ufficjali FO John Naudi u CO Joseph Cutajar li rawh mill-vicin meta sehh l-incident li waslu ghal dawn il-proceduri.

Ikkunsidat

Illi preliminarjament d-difiza sottomettiethafna mill-akkuzi li huma ta' natura kontravenzjonali u li huma ghalhekk preskritti.

Illi mill-atti jirrizulta li l-akkuza tirriferi ghal incident li sehh fil-21 ta' Frar 2024. L-ewwel smiegh sar fil-25 ta' Gunju 2024 u l-imputat kien prezenti ghas-seduta. Ma hemmx ezebita r-riferta ta' meta gie notifikat ghas-seduta. Illi ghalhekk jirrizulta li dawk l-akkuzi li huma ta' natura kontravenzjonali huma preskritti.

Ghaldaqstant **t-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjoni huma preskritti.**

Ikkunsidrat,

Illi **fl-ewwel imputazzjoni** l-akkuzat gie akkuzat li bl-ingieba tieghek ikkaguna lil CO870, ufficjal tal-LESA, biza li se tintuza vjolenza kontra tieghu jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra tieghu.

L-artikolu tal-Ligijiet ta' Malta relevanti u cioe' l-Art. 251B tal-Kap. 9 jistipula li:-

` "251B. (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-pienata' priġunerija għal żmien

minn sena sa sentejn jew multa ta’ mhux inqas minn sitt elef u ħames mitt euro (€6,500) u mhux iżjed minn ħmistax-il elf euro (€15,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.”

L-ufficjal tal-LESA **CO Joseph Cutajar** xehed li l-imputat:

> “Tefgha mal-genb intfajt ma' ġenb bil-mutur. Jiena jien u nieżel minn fuq il-mutur dan is-sinjur qalla velocita ta' eccessiva saq direzzjoni lejja li kważi tajjarni. U baqa' sejjer direzzjoni F. Borg l-Iklin imbagħad ma rajtux iktar jiena dak il-ħin bejn inħsadt rajt il-vettura għaddejja minn mieghi U bejn ħadt il-qatgħa ma mortx warajħ. “

Illi ma hemm ebda’ dubbju mill-provi prodotti li l-imputat kellu l-intenzjoni li bl-imġieba tieghu jikkaguna biza fuq il-persuna tal-ufficjal tal-LESA li kien ghaddej fuq il-qadi ta’ dmierijietu. Ma hemm ebda’ skuzanti ghal dan l-agir li setgha kellu konsekwenzi aktar gravi. Il-Qorti tikkunsidra ghalhekk li din l-imputazzjoni giet ipprovata sal- grad rikjest mill-ligi ghal sejbien ta’ htija fil-kamp penali.

Ikkunsidrat

Illi **fIt-tielet imputazzjoni** dedotti kontra l-imputat huwa gie akkuzat li saq vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni GBM 219 b’ manjiera perikoluza u dan bi ksur tal-art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta’ Malta F**ir-raba’ imputazzjoni** l-imputat gie akkuzat li saw il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni GBM 219 minghajr ma kellek licenzja ta’ sewqan u dan bi ksur tal- art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta’ Malta. U **fil-hames imputazzjoni** l-imputat gie akkuzat talli saq il-vettura ta’ ghamla Ford Fiesta bin-numru ta’ registrazzjoni GBM 219 minghajr ma kont kopert b’ polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ghal terzi persuni u dan bi ksur tal- art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Illi t-tielet imputazzjoni giet ipprovata u mix-xhieda okkulari li xehedu f' dawn il-proceduri. Illi l-azzjoni tal-imputat meta saq ghal fuq l-ufficjal tal-LESA huwa sewqan perikolu. Illi din l-imputazzjoni giet ipprovata.

F' dak li jirrigwarda r-raba' imputazzjoni dedotta kontra l-imputat l-Qorti tosserva li minkejja li fl-Affidavit ta' PS 1128 Glenn Sammut hemm imnizzel li gie stabilit li skont is-sistema fil-kamra tal-kontroll tal-pulizija li David Zammit ma ghandux licenzja valida u din kienet skadiet f' Ottubru 2023, ma ttellghet ebda' prova sabiex jigi konfermat dan u ghal din ir-raguni din l-akkuza ma gietx ipprovata sal-grad rikjest mill-ligi.

F' dak li jirrigwarda l-hames imputazzjoni jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Cachia, Rapprezentant ta' Transport Malta li l-licenzja tal-vettura GBM 219 skadiet fil-31 ta' Lulju 2020. Il-hames imputazzjoni tirrizulta ghalhekk ipprovata.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat **fit-tmien imputazzjoni** gie akkuzat talli Aktar talli waqt li kien qed issuq jew kellek fil-kontroll tieghek il-vettura tal-ghamla Ford Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni GBM 219, inqast li tobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal moghti jew maghmul mill-Pulizija jew minn ufficjal tal-komunita' biex jitmexxa t-traffiku jew ghal kull raguni ohra fi twettieq ta' dmirijiethom.

Illi jirrizulta ipprovat li l-imputat f' zewgt okkazzjonijiet naqas milli jobdi l-ordinijiet legittimi tal-ufficjali FO John Naudi u CO Joseph Cutajar. Illi din l-akkuza giet ipprovata.

Ikkunsidrat

Illi fid-**disgha imputazzjoni** dedotti kontra l-imputat huwa gie akkuzat talli U aktar talli ngurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' CO870, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel

dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li

> "95.Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli preċedenti, jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku,inklużi uffiċjal pubbliku u impjegat pubbliku kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, waqt li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz,għandu jeħel meta jinstab ħati l-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża fuq il-persuna, meta jitwettqu mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmija f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u multata' mhux inqas minn elf u mitejn euro (€1,200) u mhux iżjed minnsebat elef u ħames mitt euro (€7,500)."

Illi din l-imputazzjoni torbot mal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u li giet ikkunsidrata aktar il-fuq. Ma hemmx dubbju li l-CO 870 kien qed jaqdi dmiru meta gara l-akkadut li taw lok ghal akkuzi kontra l-imputat. Ghaldaqstant din l-akkuza qed tigi pprovata.

Decide

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 251B(1), 338 (ee) tal-Kap.9; Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65; Art. 3(1) tal-Kap. 104; Reg. 14(3) L.S. 368.02, Reg. 13(2) L.S. 368.02; Reg. 124(1) L.S. 65.11; Art 95 tal-Kap.9; l-art 383, l-art. 412C tal-Kap. 9 u Art. 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku fil-waqt li qed tillibera lil imputat **David Zammit** mit-tieni, s-sitt u s-seba' imputazzjoni stante li huma preskritti skont il-ligi u qed tilliberah mir-raba' imputazzjoni minhabba insufficjenza ta' provi **qed issib lil imputat hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames, it-tmien u d-disa' imputazzjoni dedotti kontrih u qed tikkundannah ghal multa komplessiva ta ghaxart elef ewro (10000) u sospensjoni tal-clicenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena (1)**

Illi Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex izzomm il-bon ordni pubbliku ma' CO 870 Joseph Cutajar , qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tiegħu innfisu taħt penali ta' elfejn ewro (2000) għall-perijodu ta' sena(1) li jibda jiddekorri millum. L-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-imsemmi imputat qed tiġi annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali minnha.

Il Qorti qed tavża lill-imputat li ai termini ta' l-Artikolu 387 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jinstab ħati quddiem Qorti kompetenti li kiser il-kondizzjonijiet ta' l-obbligazzjoni tiegħu, is-somma ta' euro2000 li għaliha obbligu ruħu tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**